# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Frar, 2021**

**Numru 2**

**Rikors Numru 715/19 TA**

**Ihsan Ullah (Passaport Pakistani Nru. GQ2747422)**

**vs**

**(1) ProperT Group Limited (C76593);**
**(2) Rodrick Fenech (ID 657881M);**
**(3) Mark Anthony Ebejer (ID 35487M);**
**(4) Frans Ebejer**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Attur Ihsan Ullah tat-18 ta' Lulju 2019 li permezz tiegħu ippremetta u talab is-segwenti:

"**Dikjarazzjoni dwar l-Oggett u l-Fatti tal-Kawza**

1. Illi l-esponent kien gie ngaggat mill-intimati jew min minnhom sabiex jahdem fis-sit ta' kostruzzjoni li kien hemm fi triq Jules Verne, Naxxar u fejn sussegwentement inbnew numru ta' villel;

2. Illi nhar l-ghaxra (10) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) l-esponent kien involut f'incident serju u gravissimu fuq il-post tax-xoghol, ossia waqt il-qadi tad-dmirijiet tieghu u fil-kors tal-impjieg tieghu mal-intimati jew min minnhom;

3. Illi b'konsegwenza diretta ta' dan l-incident l-esponent sofra dizabilita` permanenti ta' hamsa u disghin fil-mija (95%) skont kif iccertifikat mill-konsulent Mr Frederick Zammit Maempel, u dan flimkien ma' danni ngenti, hekk kif ser jigi ndubbjament ampjament ippruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri (Dokument anness u mmarkat bhala Dok A);

4. Illi l-incident in kwistjoni sehh unikament minhabba n-nuqqas da parti tal-intimati jew min minnhom li jonoraw l-obbligi taghhom li jipprovdu *a safe system of work* u minhabba traskuragni, imperizja, nuqqas t'osservanza tar-regolamenti dwar is-sahha u s-sigurta` tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol u nuqqasijiet ohra imputabbli lill-intimati jew min minnhom;

**Raguni ghat-Talbiet f'dawn il-Proceduri**

5. Illi minkejja li l-esponent interpella lill-intimati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni minnu sofferti, u dan permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 3532/2018, l-intimati baqghu inadempjenti;

6. Illi ghalhekk l-esponent ma kellu ebda ghazla ohra ghajr li jipprocedi b'din il-kawza;

7. Illi l-esponent jiddikjara li huwa jaf b'dawn il-fatti personalment;

**Talbiet**

Jghidu ghalhekk l-intimati, ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi kif ukoll ghal dawk kollha li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proceduri:

i. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghall-incident illi sehh nhar l-10 ta' Novembru, 2017 waqt li l-esponent kien qieghed jahdem fuq il-post tax-xoghol u ghalhekk huma responsabbli wkoll ghad-danni kollha sofferti mill-istess esponenti;

ii. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-esponent, okkorendo bl-opera ta' *perit/i nominandi*;

iii. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu lill-esponent dawk id-danni kif likwidati;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Ittra Ufficjali bin-numru 3532/2018, u l-interessi legali, kontra l-intimati jew min minnhom li huma minn issa ngunti *in subizzjoni*."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Rodrick Fenech tat-23 ta' Diċembru 2019 li permezz tagħha wieġeb u eċċepixxa is-segwenti:

1. "Illi preliminarjament u strettament minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti, l-intimat ma ghandu u ma kellu l-ebda involviment personali f'xogholijiet illi kienu qed jigu ezegwiti fi Triq Jules Vernes, San Pawl tat-Targa u ghalhekk ghandu jigi immedjatament illiberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u sussegwenti, ma tissussisti u qatt ma ezistiet ebda relazzjoni guridika bejn l-intimat u l-attur.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet suesposti, u fi kwalsiasi kaz, l-intimat Fenech ma ghandu assolutament l-ebda involviment, htija jew responsabbilta` ghall-incident mertu tal-kaz odjern u ghalhekk lanqas ma huwa b'xi mod responsabbli ghad-danni li seta' sofra l-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta` konvenuta ProperT Group Limited tat-23 ta' Diċembru 2019 li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

"1. It-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-eccepjenti huma ghal kollox infondati fil-fatt u fil-ligi u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

2. Mhux veru li l-attur kien impjegat jew ingaggat mill-eccipjenti biex jahdem fis-sit ta' kostruzzjoni indikat minnu jew x'imkien iehor. L-eccipjenti qatt ma kellha ebda relazzjoni mal-attur.

3. F'kull kaz u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccepjenti ma tahti bl-ebda mod ghall-incident indikat mill-attur u ma naqset bl-ebda mod fil-konfront tieghu.

4. Konsegwentement l-eccepjenti ma hija responsabbli ghal ebda danni konsegwenzjali li l-attur jghid li sofra.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat l-atti u digrieti kollha tal-Kawża, fost oħrajn dawk l-atti li bihom saru t-tentattivi tan-notifiki tal-konvenuti kollha inkluża dik tal-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni;

Rat il-verbal tat-28 ta' Settembru 2020;

Rat li fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2020 deher Dr. David Gatt għall-konvenuti Francis Ebejer u Mark Anthony Ebejer u informa lill-Qorti li kien ser jitlob li l-konvenuti Ebejer jiġu ammessi li jagħmlu l-eċċezzjonijiet għaliex kellhom raġunijiet validi sabiex jiġġustifikaw il-kontumaċja;

Rat ir-rikors tal-konvenuti Mark Anthony Ebejer u Francis Ebejer tat-3 ta' Diċembru, 2020 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:-

> "Illi in segwitu tad-digriet datat 23 ta' Novembru 2020 fejn din l-Onorabbli Qorti akkordat ghaxart ijiem sabiex l-esponenti jissottomettu rikors sabiex jiggustifikaw l-kontumacja taghhom, l-esponenti qeghdin jippremettu s-segwenti fatti kif konsolidati bid-dokumentazzjoni u affidavits annessi:
>
> Illi primarjament, fil-konfront tal-konvenut esponent Francis Ebejer, l-ebda notifika ma intbaghtet fejn ilu diversi snin twal jghix u residenti, u cjoe, 'Central Court', Flat 2, Triq in-Naxxar, B'Kara, (kopja tal-karta tal-identita` tieghu annessa u immarkata bhala Dok FE 1);
>
> Illi dan jista jkun ikkonfermat permezz ta' notifiki u proceduri wzati fil-kawza sucitata billi lil esponent Francis Ebejer ittentaw jinnotifikaw Tas-Sliema meta dan *qatt* ma kien jirrisjedi hemm u cjoe, 36, Triq San Karlu, Sliema;
>
> Illi, fil-konfront tal-esponent Mark Anthony Ebejer, qed jigi anness kopja vera ta' kuntratt ta' bejgh minnu maghmul datat 12 ta Settembru 2017, ippubblikat minn Nutar Drs. Tania Farrugia, fejn l-esponent biegh l-istess fond u cjoe 36, Triq San Karlu, Tas-Sliema lil Christopher Borg (anness u mmarkat Dok ME 1);

Ili kif iddikkjarat permezz ta' zewgt affidavits mill-esponenti Ebejer, anessi u mmarkati Dok ME 2 u FE 2, l-esponent Mark A. Ebejer mar u kien jirrisjedi ghand missieru Frans fir-residenza gewwa Birkirkara wara l-bejgh tal-fond f'Tas-Sliema indikat fil-kuntratt ta' bejgh lil Borg Christopher esebit kopja tieghu;

Illi, l-esponent Mark Ebejer kellu jirrisjedi ma missieru minhabba illi huwa stess kien qieghed fit-trattativi ma hutu u eredi ohra sabiex jakkwista fond gewwa l-Gzira naxxenti minn eredita` liema akkwist tal-istess kien mertu ta' rikors fl-ismijiet: "*__Vivian Lynn Magri pro et e vs Mark Antony Ebejer__* liema rikors sar u kien intavolat ai termini tal-Artiolu 495A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; (Rikors: 471/2018 (MH) Prim Awla).

Illi l-istess poceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, kienu itterminati mir-rikorrenti wara illi accettaw illi l-esponent allura konvenut fl-istess rikors 471/18 (MH) jipprocedi biex jixtri l-istess bini mill-eredi rikorrenti f'dan ir-rikors;

Illi, sar konvenju quddiem in-Nutar Ann Maria Agius bejn il-partijiet msemmija bejn l-esponent Mark Ebejer u r-rikorrenti kollha kif citati fl-istess rikors 471/18, u qeghdin jistennew data ghal eventwali pubblikazzjoni tal-kuntratt t'akkwist minn Mark Ebejer galadarba r-ricerki jkunu saru minn Nutar Drs. Ann Marie Agius;

Illi, b'hekk minhabba litigazzjoni l-esponenti Mark Ebejer ma setghax jitfa l-karta tal-identita` tieghu fuq ir-residenza intenzjonata li tinxtara fil-Gzira u mar jghix jirrisjedi ghand missieru gewwa B'Kara nel frattemp fejn ghadu jghix sal-lum il-gurnata;

Illi, l-esponenti **qatt** ma kienu informati lanqas minn Borg Christopher li xtara l-fond gewwa Tas-Sliema illi kienu saru xi tentattivi biex jinnotifkawhom permezz ta' affissjoni u pubblikazzjonijiet;

Illi, kif turi gurisprudenza lokali fuq gustifikazzjoni ghall-istat ta' contumacia, dan l-istat ergo contumacia ma jistax jibqa' applikat u interpretat *__ad unguem__*, b'interpretazzjonijiet strettissimi kif kienu jkunu applikati fl-imghoddi mill-Qrati:

"*Ghal bidu, l-aspett punittiv konsistenti fl-esekuzzjoni tal-konvenut milli jipprezenta nota t'eccezzjonijiet kien jigi adoperat ad unguem minn dawn il-Qrati izda, tenut kont ta' cirkostanzi varji li kienu jindikaw u jesigu mitigazzjoni fir-regoli tal-procedura, l-istess Qrati bdew fil-kazi fejn ikun hemm indikat u, fl-ahjar interess tal-Gustizzja 'ixellfu' din ir-rigidita` u dan sewwa sew minhabba l-effetti irriversibbli li l-kontumacja iggib maghha*." (Vella pro et nomine vs Vella (Appelli Kummercjali 21/5/1993 Koll. Vol. LXXVII-II-170)

Dan il-punt kien ripetut f'diversi decizjonijiet ohra u hekk fl-ahjar ahhari interess tal-Gustizzja. Insibu wkoll l-Appell Superjuri: *__Noel Calleja et vs__*

<u>*Middlesea Valletta Lif Assurance Co. Ltd*</u> datat 28 ta' Jannar 2005 liema appell ikkwota hekk:

"*il-Qorti tqis l-istitut tal-kontumacja bhala mizura ta' natura punittiva, necessarja biex tassigura serjeta fil-procedura u r-rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qorti. Mill-banda l-ohra proprju minhabba s-sanzjoni spiss irriversibbli li timporta, rigorizita` tal-procedura ghandha tigi applikata u interpretata b'mod ristrettiv, fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm ebda nuqas da parti tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa, <u>anke ghax ma jistax ikun hemm culpa fejn ma kienx hemm konoxxenza tan-notifika ta' l-att bhala fatt, ma ghandu jkun ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata</u>*." (Appelli Superjuri: 126/2003/1 [28/1/2005] per VDG, JD u JF

Illi hekk kif l-esponenti saru konxji tal-proceduri sucitati, immedjatament u mal-ewwel seduta mhollija ghas-smiegh provi, attendew fl-awla assistiti sabiex jkunu parti mill-kawza jwiegbu ghall-allegazzjonijiet premessi mill-attur, jipprezentaw fatti u provi u dokumenti sabiex jippruvaw il-kaz taghhom;

Ghaldaqstant, l-esponenti filwaqt li jissottomettu suesposti fatti u dokumenti u affidavits lil din l-Onorabbli Qorti, umilment jitolbu sabiex ikunu awtorizzati jipprezentaw ir-risposta mahlufa u eccezzjonijiet taghhom bit-termini legali provdut ghall-konvenuti."

Rat ir-risposta tal-Attur tat-22 ta' Diċembru 2020 għar-rikors imsemmi li biha wieġeb is-segwenti:

"1. Illi permezz ta' rikors minnhom intavolat nhar it-3 ta' Dicembru, 2020, l-intimat Mark Anthony Ebejer u Francis Ebejer, talbu lil din l-Onorabbli Qorti tawtorizzahom jipprezentaw ir-risposta mahlufa taghhom.

2. Illi preliminarjament jinghad li r-rikors kif promoss huwa irritu u null, u dan billi l-intimati kellhom qabel xejn jitolbu dikjarazzjoni dwar in-nuqqas ta' validita` tan-notifika, konsegwentement jitolbu r-revoka tad-digriet li permezz taghhom din l-Onorabbli Qorti ddikjarathon kontumaci, u biss fl-ahhar u bhala rizultat tal-ewwel zewg talbiet jitolbu l-awtorizazzjoni biex iressqu r-risposta guramentata taghhom.

3. Ili f'kull kaz, u ai finijiet tal-ekonomija tal-gudizzju, jidher li dak li qed jghidu l-intimati huwa li la ma gewx notifikati skont il-Ligi allura ma setghux jitqiesu kontumaci u ghandhom jithallew jipprezentaw ir-risposta taghhom.

4. Illi l-eccipjent ser iwiegeb ghal tali talba bil-mod segwenti.

5. Illi l-intimati jsejsu t-talba taghhom fuq il-premessa li ma gewx notifikati skond il-Ligi u biex jissostanzjaw tali allegazzjoni huma jinhlew fl-ghotja ta' spjegazzjoni dwar ir-ragunijiet allegatament gustifikanti ghalfejn ma setghux jinsabu fl-indirizzi li fuqhom huma debitament registrati.

6. Illi bir-rispett kollu, dak li hu relevanti huwa *sic et sempliciter* jekk gewx osservati d-dettami tal-Artikolu 187 tal-Kap.12, ossia l-ligi regolatorja in materja ta' notifika.

7. Illi ai fini ta' notifika permezz tal-procedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni, ezami tal-atti ghandha turi mhux biss in-numru estensiv ta' attentati genwini ta' notifika li saru, izda wkoll li l-provvedimenti tal-Artikolu 187 (3) gew skrupolozament segwiti.

8. Illi fil-fatt din il-procedura giet adoperata bl-awtorizazzjoni tal-Qorti u, stante li r-residenza tal-intimati ma kienx maghruf, fl-indirizz indikat fuq ir-Registru Elettorali. L-eccipjent sahansitra ezebixxa kopja ta' estratt mill-imsemmi Registru bhala prova li l-procedura kienet ser tigi ezegwita fl-indirizz ufficjali registrat tal-intimati. Ta' min jghid li l-Ligi lanqas biss trid tassattivament li l-affissjoni ssir bil-fors fil-post ta' residenza izda li dan ghandu jsir biss 'meta jkun possibbli' u 'jekk il-post ta' residenza jkun mgharuf'. Dan ma jistax ifisser hlief li mhux talli l-eccipjent adempixxa l-obbligi tieghu a tenur tal-Artikou 187 izda talli anki mar oltre. Ifisser ukoll li l-argumenti kollha mressqa mill-intimati huma rrilevanti.

9. Illi bid-dovut rispett, dak li kien qed jigri fil-hajja personali u privata tal-intimati u r-ragunijiet kumplikati u mzejna ghalfejn setghu jew ma setghux jghixu banda jew ohra, jew ibiddlu l-indirizzi fuq il-karti tal-identita etc ftit jiswew kemm-il darba jirrizulta – kif fil-fatt hu – li l-eccipjent mexa kemm mal-provvedimenti tal-Ligi u kemm mad-digrieti moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq imfissra, l-eccipjent umilment u riverentement jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talba kif promossa minn Mark Anthony Ebejer u Francis Ebejer perme\z tar-rikors taghhom ta' nhar it-3 ta' Dicembru, 2020, u dan salv kwalsiasi provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun."

Semgħet ix-xhieda tal-konvenut Mark Ebejer ai fini tar-rikors in kwistjoni.

Rat u eżaminat id-dokumenti kollha relatati ma' din il-vertenza;

Semgħet anke x'kellhom xi jgħidu l-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2021;

Rat li l-vertenza tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' liġi**

L-artiklu rilevanti tal-liġi għal kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti huwa l-artikolu 158(1) u (10) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Dan l-artiklu jitratta fost oħrajn, l-Istitut tal-kontumaċja. Dwar dan l-aspett il-Qorti tagħmel referenza għas-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta' Frar 1996 fl-ismijiet Carmelo Bugeja vs Mary xebba Farrugia** fejn ġie ritenut hekk:-

"*Diversi kienu d-decizjonijiet ta' dawn il-Qrati in materja ta' kontumacja u l-gustifikazzjoni o meno taghha. Peress li kull kaz hafna drabi jipprospetta fattispecje differenti, id-decizjonijiet mhumiex ghal kollox uniformi, fis-sens li hemm xi whud minnhom li adottaw linja rigida mentri ohrajn kienu izjed flessibli u liberali. Din il-Qorti jidhrilha li meta l-ligi stess ipprefiggiet terminu preciz u relattivament twil – ghoxrin jum – m' ghandhiex tammetti li, jekk mhux ghal xi raguni gravi jew eccezzjonali, testendi dan il-perjodu jew tinnewtralizzah bl-ammissjoni ta' eccezzjonijiet – wara l-gheluq tieghu.*

*Huwa minnu li l-ligi stess taghti tali diskrezzjoni lill-Qorti imma huwa appuntu ghal din ir-raguni li l-gudikant ghandu jezercita tali diskrezzjoni b'mod xieraq u meqjus. Huwa principju assodat minn sensiela ta'*

*decizjonijiet li l-kontumacja ma tistax titqies gustifikata meta din hija kolpuza. Dejjem kien ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghax allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-culpa u f'dakil-kaz il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn ghax* ***qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire****. L-appellanti agixxiet negligentement u trid tissubixxi l-konsegwenzi tal-agir taghha."* (Ara wkoll **Simonds Farsons Cisk Limited vs Saviour Deguara deċiża fid-19 ta' Mejju 1997 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili.** L-Istitut tal-kontumaċja tant jittieħed bis-serjeta' minn dawn il-Qrati, li lil min huwa illitterat ukoll ma tingħatalux l-opportunita' li jkun ammess jagħmel risposta minħabba li ma jafx jaqra (**Ara Deċiżjoni fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 82/16 per Imħallef Robert Mangion tat-22 ta' Marzu 2017**). B'dana kollu, il-Qorti tfakkar ukoll, li l-kontumaċja ma hiex ammissjoni u li l-kawża xorta hija kontestata. (**Sentenza tal-Prim Awla fl-ismijiet Ronald Micallef pro et -vs- Sub-Way (Malta) Limited tas-6 ta' Marzu 2001 per Imħallef J.R Micallef**). Għalhekk min jagħmel il-kawża huwa mistenni li jipprova l-pretensjonijiet tiegħu bl-istess rigorosita' ta' provi daqs li kieku saret risposta ġuramentata mill-Konvenut kontumaċi.

**Konsiderazzjonijiet**

Għalkemm sar rikors wieħed, fir-rejalta', tnejn huma l-konvenuti li qegħdin jitolbu li jkunu ammessi biex jippresentaw ir-risposta ġuramentata tagħhom u cioe` Mark Anthony Ebejer, li huwa bin il-konvenut l-ieħor u Francis

Ebejer. Peress, li kif ser jirriżulta, l-fattispecie tat-tnejn huwa differenti, din il-Qorti sejra għalhekk tipprovdi dwar it-talba ta' kull wieħed minnhom fl-ordni kif indikati.

*It-Talba ta' Mark Anthony Ebejer* .

Fir-rigward tal-konvenut Mark Anthony Ebejer, jakkwista valur probatorju d-dokument presentat permezz ta' nota mir-Reġistratur tal-Qrati fis-27 ta' Jannar 2020 (a' fol 61 u 62 ). Dan id-dokument jikkonsisti f'ittra, indirizzata lir-Reġistratur tal-Qrati datata 22 ta' Jannar 2020. Din l-ittra inkitbet mill-Avukat Ian Micallef fl-interess ta' ċertu Christopher Borg ta' 36, Triq San Karlu, Sliema. Dan huwa l-istess Christopher Borg li xtara u akkwista l-fond fejn joqgħod mingħand il-konvenut Mark Anthony Ebejer permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Tania Farrugia tat-12 ta' Settembru 2017, liema kuntratt ġie esebit mill-imsemmi konvenut stess (a' fol 466 Dok ME I). Din l-ittra tispjega hekk:

> "Nikteb ghan-nom tal-klijent tieghi Christopher Borg li ghandu karta ta' l-Identita` numru 571377M u residenti 36 Triq San Karlu, Sliema.
>
> Il-klijent tieghi ghaddieli kopja ta' rikors guramentat li sab imwahhal mal-bieb tad-dar tieghu ghall-iskop ta' notifika permezz ta' l-affissjoni ta' Mark Anthony Ebejer li ghad ghandu l-indirizz tal-Karta ta' l-Identita` tieghu fl-indirizz hawn fuq imsemmi minkejja li l-klijent tieghi akkwista dan il-fond minghand l-istess Mark Anthony Ebejer permezz ta' kuntratt pubbliku datat 12 ta' Settembru 2017.
>
> Qieghed nghaddilek ukoll kopja ta' rapport li l-kljent tieghi kien ghamel fl-Ghassa tal-Pulizija tas-Sliema."

Ma' din l-ittra kien ukoll esebit dokument konsistenti f'rapport li sar lill-Pulizija fit-18 ta' Diċembru 2019. Fil-parti intitolata "**ACTION TAKEN**" hemm imniżżel hekk:

> "Illu 18/12/2019 BORG, CHRISTOPHER – ID Card: 0571377M gie gewwa l ghassa Sliema biex jirrapporta li huwa qed jircievi l-posta ta certu Mark Anthony Ellul li kien joqod hemm sentejn u tlett xhur ilu fejn dan tal-ahhar baqa ma qalibx l-indirizz. Illum gie il Marexxal tal Qorti fejn halla xi karti mal bieb u qedin ghand Christopher.
>
> Christopher cempel lil Mark Anthony ellul fejn qallu li bhalissa qied l Ingilterra u xhin jigi Malta jigi jigbor il-karti".

Fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2021, l-abbli difensur ta' Mark Anthony Ebejer issottometta, li l-imsemmi Christopher Borg kellu xi obbligu li jinforma lill-imsemmi li rċieva dan id-dokument. Mid-dokument imsemmi jirrisulta li dan fil-fatt għamlu għalkemm jissemma' Mark Anthony "Ellul" (!) li rċieva xi dokumenti mill-Qorti. Dan tal-aħħar informah li kien l-Ingilterra u "*x'hin jigi Malta jigi jigbor il-karti"* (a' fol 63 tergo). Ai fini ta' din il-proċedura din il-Qorti ma għandha xejn fl-atti li jindika li din it-telefonata ma saritx. Ma kien hemm xejn xi jżomm lill-imsemmi li jressaq lill-imsemmi Christopher Borg bħal xhud. Meta l-imsemmi għażel li jixhed fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2021, kellu kull opportunita' li jiċħadha, iżda dan ma għamlux.

Huwa minnu ukoll, li għal xi raġuni, ir-referenza fir-rapport lill-Pulizija hi għal Mark Anthony Ellul. Pero' din il-Qorti ma għandha ebda dubbju li r-referenza hija għall-konvenut Mark Anthony Ebejer. Kien hu li trasferixxa l-fond inkwistjoni lill-imsemmi Christopher Borg. Kien il-Konvenut li ħalla li jibqa' jidher l-indirizz uffiċjali fl-istess fond ta' fejn saret l-affissjoni tal-atti.

Di piu', jirrisulta li d-data ta' meta sar ir-rapport lill-Pulizija minn Christopher Borg, hija l-istess data tar-riferta ta' meta saret l-affissjoni u cioe' it-18 ta' Diċembru 2019 (a' fol 53 ). Bl-istess mod li Christopher Borg ċempel lil Mark Anthony Ebejer, ma kien hemm xejn xi jżomm lil tal-aħħar jerġa' jagħmel kuntatt ma' tal-ewwel. Iżda minn dan kollu ma għamel xejn.

Dan kien f'perjodu meta l-proċedura għan-notifika bil-pubblikazzjoni u affissjoni, kienet għadha għaddejja u pjuttost fil-bidu tagħha. Di fatti, it-terminu skont il-liġi għat-tweġiba beda għaddej mill-aħħar pubblikazzjoni fl-1 ta' Lulju 2020 ta' ġurnal bil-Malti u dan fit-termini tal-verbal ta' din il-Qorti tas-26 ta' Ġunju 2020 (a' fol 67 u 74). Iġifieri kieku ried, il-konvenut Mark Anthony Ebejer, kellu ben kważi sebgħa xhur biex jagħmel kuntatt mal-imsemmi Christopher Borg. B'dana kollu ma għamlux minkejja li kien infurmat kif fuq spjegat.

Iżda, magħdud ma' dan kollu, l-imsemmi Mark Anthony Ebejer qiegħed jargumenta li ma kellux indirizz fiss. L-indirizz tiegħu dejjem baqa' jidher fir-Reġistru Elettorali bħala 36, Triq San Karlu, Sliema u dan sal-mument li ġiet presentata din il-Kawża. Għamel snin għix ma' missieru u xorta jinsisti li ma kellux indirizz fiss (ara 478 tergo, fol 479 ). Il-Qorti tfakkar lill-konvenut dak li jiddisponi l-artikolu 19(1) tal-Kap 258 tal-liġijiet ta' Malta li:

"*Meta għal xi raġuni xi waħda mill-partikolaritajiet jew xi tagħrif ieħor li jkun jinsab f'dokument tal-identità ma jkunx jew ma jibqax aktar korrett, id-detentur tad-dokument għandu,* ***mingħajr dewmien****, jirrapporta l-fatt lill-*

*uffiċjal awtorizzat u għandu jikkonsenja d-dokument mhux korrett lil, u jagħti dak it-tagħrif kollu li jkun meħtieġ minn dak l-uffiċjal*." (emfażi ta' din il-Qorti).

Li kieku l-konvenut Mark Anthony Ebejer ħa ħsieb jirregolarizza l-posizzjoni tiegħu skont kif titlob il-liġi sa fejn jirrigwarda l-indirizz ta' residenza **mingħajr dewmien**, forsi ma kienx isib ruħu fis-sitwazzjoni li qiegħed fiha llum. Il-Qorti ma taqbilx mal-konvenut li ma kellux post fiss. Id-diverbju li kellu ma' ħutu, għall-kwistjoni in eżami, ftit għandu importanza.

Il-konvenut ma' jistax jippretendi li terzi jkollhom id-doni tal-Ispirtu s-Santu u li jsiru jafu fejn qed jirrisjedi, meta l-identifikazzjoni tal-indirizz korrett tiegħu ma hux fid-dominju pubbliku. Dak li hemm fid-dominju pubbliku huwa dak li jinsab fir-Reġistru Elettorali. Kien propju għalhekk, li fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2019 il-Qorti ħasset il-ħtieġa li titlob lill-Attur jesebixxi estratt mir-Reġistru Elettorali fejn hemm indikat l-indirizz tal-konvenut. Jekk l-informazzjoni li hemm hija skorretta, il-konvenut Mark Anthony Ebejer ma għandu jweħħel f'ħadd ħlief fih innifsu. (Ara **Sentenza tat-23 ta' Novembru 2020 fl-ismijiet Joseph Micallef v. A&M Printing Limited tal-Qorti tal-Appell** ).

Fid-dawl tal-fatti u kif ukoll tal-ġurisprudenza fuq ċitata, il-konvenut Mark Anthony Ebejer ma rnexxilux iġib raġunijiet tajba skont il-liġi biex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu u li jitħalla jippresenta risposta ġuramentata.

*Francis Ebejer*

Il-każ ta’ Francis Ebejer jimmerita konsiderazzjonijiet differenti minn dawk tal-konvenut l-ieħor. Il-Qorti, ma għandha ebda dubbju li dan il-konvenut qatt ma rrisjeda fil-fond 36, Triq San Karlu, Sliema. Di fatti, anke l-imsemmi Christopher Borg, meta rritorna l-atti lir-Reġistratur tal-Qrati, ir-referenza kienet għal Mark Anthony Ebejer biss. Hekk ukoll meta għamel ir-rapport lill-Pulizija. Dan għamlu, għaliex jidher ċar, li kien konsapevoli li Mark Anthony Ebejer biss kien jgħix f’dak l-indirizz.

Il-Qorti diġa’ għamlet referenza għad-digriet tat-18 ta’ Ottubru 2019 fejn talbet lill-Attur jippresenta estratt mir-Reġistru Elettorali bl-indirizzi ta’ fejn jirrisjedu l-konvenuti. Permezz ta’ nota tat-22 ta’ Ottubru 2019, l-Attur presenta sett ta’ dokumenti fost oħrajn ta’ estratt mir-Reġistru Elettorali bl-indirizzi ta’ Mark Anthony Ebejer u tal-konvenut Rodrick Fenech (a’ fol 29 sa 31). Kien waqt it-trattazzjoni tas-seduta tal-14 ta’ Jannar 2021 li l-abbli difensur tal-Attur ta spjega għaliex ma presentax estratt tar-Reġistru Elettorali bħal ma għamel fil-każ ta’ Mark Anthony Ebejer: il-Qorti fehmet, li l-Attur ma kienx jaf fejn joqgħod il-Konvenut Francis Ebejer għaliex ma kellux in-numru tal-karta ta’ identita` tiegħu.

Ġaladarba kienet il-Qorti stess li talbet l-informazzjoni, din l-informazzjoni kellha tingħata ukoll fin-nota tat-22 ta’ Ottubru 2019 u dan in adempjenza mad-digriet tat-18 ta’ Ottubru 2019. Dik il-Qorti kellha tkun infurmatha, biex b’hekk setgħet tagħti xi xorta ta’ gwida x’għandu jsir. Fit-tieni lok din il-Qorti

ma tistax tifhem, kif bejn il-5 ta' Ottubru 2018, meta saret l-ittra uffiċjali, sa meta bdew l-ewwel tentattivi ta' notifika, kien daqstant diffiċli biex l-Attur isib in-numru tal-karta ta' identita` tal-konvenut Francis Ebejer, ovvjament, sakemm dan tal-aħħar ma kienx jidher fir-Reġistru Elettorali. Prova bħal din, din il-Qorti ma għandhiex f'dawn l-atti (a' fol 18 u 23).

F'dan l-istadju l-Qorti tfakkar ukoll, li huwa obbligu tal-Attur li jipprepara l-iskrittura li trid tkun notifikata lill-kontro-parti. Artikolu 174(2)(d) tal-Kodiċi Ċivili jistipula fost oħrajn li l-iskrittura trid tagħti indikazzjoni "*xierqa u sħiħa tal-post ta' residenza jew negozju tal-parti li kontriha qed issir it-talba jew l-att*". Minn eżami tal-atti jirrisulta ċar, li kull notifika li ħarget għall-konvenut Francis Ebejer kienet dejjem fl-indirizz ta' tas-Sliema. Pero', kif jirrisulta mid-dokument esebit mill-Attur stess, wieħed biss mill-konvenuti Ebejer kien joqgħod f'dak l-indirizz. B'dana kollu, anke wara dik in-nota, l-Attur xorta baqa' jagħmel tentattivi ta' notifika f'indirizz li kien jaf li l-konvenut Francis Ebejer ma kienx joqgħod fih (ara a' fol 36).

Għall-aħjar apprezzament tar-raġunament ta' din il-Qorti f'dan ir-rigward, qed ikun prodott dak li jistipula artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta: "*Jekk mir-riferta tal-uffiċjal inkarigat minn notifika ta' skrittura jew att ġudizzjarju jinstab li l-persuna li għandha tiġi notifikata bl-iskrittura jew att, għalkemm ma tirriżultax li qegħda barra minn Malta, id-dħul fil-post tar-residenza tagħha ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħha ma jkunx magħruf, il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-*

*att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi u,* ***meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf****,* ***billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza****. Il-qorti tista' wkoll tieħu dawk il-miżuri oħra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il-persuna li lilha għandhom ikunu notifikati. F'dawk il-każijiet in-notifika għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard. F'każijiet meta n-notifika tkun ġiet ordnata li ssir b'urġenza, in-notifika titqies li tkun saret f'dak iż-żmien speċifiku, wara t-twaħħil jew il-pubblikazzjoni skont kif il-qorti tista' tistabbilixxi, li jissemma fl-istess pubblikazzjoni jew twaħħil.*" (Emfażi ta' din il-Qorti).

Waqt is-seduta tal-14 ta' Jannar 2021, l-abbli difensur issottometta, li fil-każ tal-konvenut Francis Ebejer saret notifika bl-affissjoni u l-pubblikazzjoni għax ma kienx magħruf l-indirizz fejn kien qed joqgħod. Sa hawn għandu raġun. Fejn ma għandux raġun hu li anke wara baqa' jagħmel it-tentattivi ta' notifika f'dak l-indirizz.

Dan baqa' jagħmlu mhux biss bil-mod ordinarju iżda anke bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni. Dan jirrisulta mill-fatt, li ai fini ta' affissjoni fir-rigward ta' dan il-Konvenut, saret ukoll fl-indirizz 36, Triq San Karlu, Sliema (ara a' fol 54). Il-Qorti tirrileva li l-liġi stess tistipula li l-iskrittura trid titħalla

imwaħħla ***meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza*** jew meta, għalkemm magħruf, ma jista' ikun hemm ebda dħul għalih. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi huwa kontro sens u mhux kif trid il-liġi, li filwaqt li tgħid li l-post tar-residenza mhux magħruf u l-affissjoni tal-iskrittura lill-konvenut Francis Ebejer saret fl-indirizz fuq imsemmi.

Huwa minnu li intqal li "*Il-ligi timponi kriterji oggettivi u darba jirrizulta li dak li trid il-ligi twettaq, il-konvenut f'kawza ghandu jitqies notifikat ghal kull fini u effetti tal-ligi. Ma jkunx logiku li l-konvenut jithalla jehles min-notifika billi jghid li hu ma rahx l-att mal-bieb tar-residenza tieghu; kieku dan jigi accettat, jigi stultifikat l-iskop tal-ligi. Il-ligi trid taghti l-pubblicita` l-aktar ampja possibbli ghall-avviz ta' kawza, pero`, fl-ahhar mill-ahhar, trid timponi test oggettiv ghax altrimenti dak li jkun ikun jista' dejjem isib mezz kif jahrab min-notifiki*" (ara **Sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-6 ta' Mejju, 2011 fl-ismijiet Frances Bergedahl nomine -v- Francis Formosa**).

Imma biex ikun adoperat dan it-test oġġettiv, irid l-ewwel jirrisulta li l-indirizz mogħti huwa tassew ta' min għandu jkun notifikat bl-iskrittura. Dan it-test huwa maħsub għal dawk, li jkunu qegħdin jipprovaw jiskartaw jew jagħmluha diffiċli li jkunu notifikati fl-indirizz ta' residenza tagħhom. Fil-kwistjoni li għandha quddiemha din il-Qorti, dan ma hux il-każ, għaliex kif diġa' irrisulta, il-fond 36, San Karlu, Sliema qatt ma kien u ma hux ir-

residenza tal-konvenut Francis Ebejer ai fini ta' notifika, fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 187(1) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Di piu, anke jekk għall-grazzja tal-argument jesisti xi dubbju dwar il-validita' tan-notifika, dak id-dubbju għandu jibbenifika minnu l-konvenut għaliex *melior est conditio defendentis*. Ovvjament, dan qed jingħad biss fir-rigward u limitatament tal-vertenza li qed tkun trattata f'din id-deċiżjoni. Għalhekk fir-rigward tal-konvenut Francis Ebejer jidher, li għandu raġunijiet validi fil-liġi, biex fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artikolu 158(10) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jkun ammess jagħmel ir-risposta ġuramentata tiegħu.

Għaldaqstant din il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija, qegħdha taqta' u tiddeċiedi r-rikors tal-konvenuti Ebejer tat-3 ta' Diċembru 2020 billi , fil-waqt li qed **tiċħad it-talbiet tal-konvenut Mark Anthony Ebejer** qed **tilqagħhom fir-rigward tal-konvenut l-ieħor Francis Ebejer** u tammettih jagħmel ir-risposta tiegħu fi żmien għoxrin (20) ġurnata minn din is-Sentenza bid-drittijiet kollha li tagħtih il-liġi.

Spejjes ta' dan l-episodju riservati għal mal-ġudizzju finali.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**